# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 24 T'OTTUBRU, 2000.

**Kawza Nru. 19.**

**Citazz. Nru. 1421/00 JRM.**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

1. **Borg Investments Limited, u**

2. **Alfred u Catherine mizzewgin Borg.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha il-Bank attur wara li jippremetta:

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti datati 11 ta' Awissu 1993 (Dok "A") u 17 ta' Ottubru 1995 (Dok "B"), in atti Nutar Dottor Anthony Abela, is-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Overdraft Facility" lill-konvenuta socjeta' Borg Investments Limited;

Illi l-attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta' Borg Investments Limited fis-somma ta' hamsa u erbghin elf, hames mija u erbgha u ghoxrin liri maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm45,524.23) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Borg Investments Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 sa C6") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti datati 11 ta' Awissu 1993 (Dok "A") u 17 ta' Ottubru 1995 (Dok "B"), in atti Nutar Dottor Anthony Abela, u fi tlett skritturi privati datati 31 ta' Mejju 1993 (Dok "D"), 23 ta' Awissu 1995 (Dok "E") u 10 ta' Lulju 1996 (Dok "F"), il-konvenuti Alfred u Catherine mizzewgin Borg iggarantew flimkien u "in solidum" ma Borg Investments Limited, ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.lc., id-debiti tal-istess Borg Investments Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 15 ta' Gunju 1998 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "G" u Dok "H", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundnna lil Borg Investments Limited u lil Alfred u Catherine mizzewgin Borg ihallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u erbghin elf, hames mija u erbgha u ghoxrin liri maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm45,524.23) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Borg Investments Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 sa C6") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 15 ta' Gunju 1998 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-Bank attur;

Rat in-nota tal-konvenuti prezentata waqt is-smigh, li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tal-Bank attur** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lil Borg Investments Limited u lil Alfred u Catherine mizzewgin Borg ihallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u erbghin elf, hames mija u erbgha u ghoxrin liri maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (LM45,524.23) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Borg Investments Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 sa C6") bl-imghaxijiet dekorribili mill-15 ta' Gunju, 1998, sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri

ufficjali datati 15 ta' Gunju 1998 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid, kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**24, t'Ottubru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**24, t'Ottubru, 2000.**